**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nico Zarb)**

**-vs-**

**Nicholai Azzopardi, detentur tal-Karta tal-Identità nru. 0420784M.**

***Każ Nru.3142/2025***

Illum, 25 ta' Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Nicholai Azzopardi u ċioè talli:

**Nhar is-17 ta' Diċembru 2024 ghal ħabta ta' bejn 1420hrs u 1430hrs, ġewwa Triq in-Naxxar, San Ġwann:**

*1) Ħebb ghal Maria-Vianella Saliba u kkaġunalha offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. Stefan Camilleri taċ-Ċentru tas-Saħħa, Gżira.*
*Art.221(1) Kap.9*
*2) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.*
*Art.338(dd) Kap.9*
*3) Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Maria-Vianella Saliba biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha.*
*Art.251B(1) Kap.9*
*4) U aktar talli nhar l-14 ta' Jannar 2025, wara li kien avżat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, sabiex jaghti dak it-tagħrif u / jew ġġib miegħu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni, naqas li jagħmel dan.*
*Art.355AD(3)(4)(5) Kap.9*
*5) Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Maria-Vianella*

*Saliba skont l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.*
*Art.383 Kap.9*

Ikkunsidrat:

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Ghalkemm il-Qorti semgħet l-imputat jammetti għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti rat li minkejja tali ammissjoni it-tielet imputazzjoni mhux konfortata bil-fatti u għaldaqstant illiberatu minnha filwaqt li rreġistrat l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha.

Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon:**[1]

> Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-oħra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:
> "*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz.*

[1] Deċiża 19 ta' Novembru 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

*XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.***[2] "(sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi oħra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** ngħad:[3]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ....

Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:

*"..... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati."*

Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom.....

Illi ghalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodiċi Kriminali mhux wieħed mill-artikoli reżi applikabbli speċifikament għal Qrati tal-Maġistrati bl-artikolu 525 tal-Kodiċi, m'hemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonqos serjament mid-doveri tagħha jekk issib persuna ħatja ta' fatti li ma jirriżultawx mill-provi prodotti anzi fejn l-istess provi joffru fatti konfliġġenti.

[2] **Il-Pulizija vs Martin Camilleri** 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)

[3] Deċiża 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 99/2017.

Issa fil-każ in deżamina l-imputat ammetta għar-reat kontemplati bl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu kien mertu ta' diversi sentenzi tul iż-żmien mindu ġie promulgat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** ntqal:[4]

> "Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:
>
> "L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna oħra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.
>
> Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-
>
> "*Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-
>
> *"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*
>
> Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."
>
> Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni oħra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment*". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li

[4] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Imbghad il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-każ **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef** irriteniet is-segwenti:[5]

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

---

[5] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

> Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet oħra tal-ligi."

Illi l-liġi għalhekk titkellem dwar "imġieba", *a course of conduct,* u minn din l-espożizzjoni legali jirrizulta illi dan ir-reat ma jissussistix jekk dan ikun xi incident iżolat kif fil-fatt huwa il-każ in eżami tenut kont li din l-imputazzjoni hi marbuta ma perjodu w data speċifika. Għaldaqstant u kif ingħad aktar il-fuq, l-imputat qed jiġi liberat minn din it-tielet imputazzjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniet il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), (tnejn (2) u erba' (4) miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-ammissjoni bikrija tiegħu kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Iktar minn hekk il-Qorti ikkunsidrat il-kliem meqjus ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fil-proċediment **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [6]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.[7]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik

[6] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[7] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ......

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz tagħha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[8]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; .....

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Josef Camilleri** tenniet dan dwar reati ta' vjolenza:[9]

Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -

*"... bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika "* (sottoliear ta' din il-Qorti)

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

## Decide

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31 214, 215, 221(1), 355AD(3)(4)(5) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni, issibu ħati tal-kumplament u tikkundannah għal **xahrejn (2) priġunerija.**

---

[8] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

[9] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

Ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trażżin kontra l-imputat a favur ta' Maria-Vianella Saliba.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**